


# Mużajk u Opri Oħra
# fil-Knisja tal-Marsa - it-Tieni Taqsima

*Minn Anton Cassar*



Fil-kitba tiegħu fil-gazzetta Il-Berqa tal-11 ta' Ġunju 1954, il-veteran kittieb u ġurnalista Anton Cassar jiżvolġi dwar bosta opri importanti li kienu saru fil-Knisja Parrokkjali tas-SSma. Trinità fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa faħħar il-kontribuzzjonijiet tal-popolin tal-parroċċa u ddeskriviehom bħala nobbli u ġenerużi, iktar u iktar meta tqis li fil-Marsa kien hemm ħafna ħaddiema li ma kellhomx xi pagi ta' barra minn hawn. Imma Anton Cassar kompla jgħid ukoll li l-poplu u l-għaqdiet fil-Marsa riedu b'mod elokwenti li t-Tempju tal-Mulej Alla jkun mogħni kif jixraq.

Din il-kitba ta' Anton Cassar bdiet tiġi riprodotta f'dan il-fuljett mill-ħarġa tas-sena l-oħra u issa, f'din it-tieni u l-aħħar taqsima, sejrin inkomplu nagħtu ħarsa lejn l-iktar aspetti importanti ta' dawn ix-xogħlijiet. Anton Cassar semma d-damask li sewa 7,000 lira sterlina, dak iż-żmien somma għolja ħafna, grazzi għall-kontribuzzjonijiet tal-familji kif ukoll għax-xogħol bla waqfien min-nisa u t-tfajliet fil-ħjata li saret, bosta drabi b'sagrifiċċji kbar u personali. Huwa jsemmi wkoll ix-xogħol taż-żebgħa fil-knisja li sar ukoll b'mod volontarju u bid-direzzjoni għaqlija tas-Sur Duminku Azzopardi, u x-xogħol tal-armar li sar mis-Sur Louis Gravino u s-Sur Salv Portelli. Is-sena li għaddiet tajna ħarsa lejn il-lunetti filwaqt li għal din is-sena se nagħtu ħarsa lejn l-iskulturi u l-induraturi fil-knisja. Xogħol ieħor ta' valur li sar dan l-aħħar u li jkompli jagħni t-Tempju tal-Marsa huwa l-iskultura u

l-induratura li saru madwar il-gwarniċi tal-kwadri tal-altari tal-ġnub. L-iskultura ġiet maħduma mill-Imgħallem John Sammut mill-Marsa waqt li l-induratura saret mid-ditta Coleiro ta' Triq San Kristofru, il-Belt Valletta. Il-kontribuzzjonijiet għal dan ix-xogħol saru hekk:

**Altar ta' San Franġisk** - skultura mit-Terzjarji rġiel u nisa tal-Marsa, induratura mis-Sur Nikola Borg

**Altar tar-Rużarju** - skultura mis-Sur Salvu Grech, induratura min-nisa tal-Azzjoni Kattolika, Marsa

**Altar ta' San Pawl** - skultura mill-Fratelli tas-Sagrament, induratura mill-grupp tax-xogħol ta' Pawlu Pace

**Altar tad-Duluri** - skultura mis-Sinjura Fortunata Cutajar, indurata mill-grupp tax-xogħol ta' Ġużeppi Cassar

**Altar ta' San Lawrenz** - skultura u induratura mix-xebbiet u n-nisa tal-Azzjoni Kattolika tal-Marsa

**Altar tal-Karmnu** - skultura mix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, induratura mis-Sinjorina Gracie Pace

## L-Induratura tas-Saqaf

Biċċa xogħol oħra li turi l-entużjażmu li xegħel fin-nies tal-parroċċa u li nistgħu ngħidu kienet il-bidu ta' xogħlijiet oħra hija bla dubju l-induratura tas-saqaf tal-Knisja li huwa magħmul ċatt u mżejjen b'182 rużun li l-induratura tagħhom ġiet tiswa tliet liri sterlini l-wieħed. B'kollox, flimkien mal-induratura ta' madwar il-gwarniċ tal-kwadru titulari, l-induratura tas-saqaf ġiet tiswa 700 lira sterlina li l-Kappillan irnexxielu jiġbor f'temp ta' madwar 10 sigħat wara appell li kien għamel minn fuq l-altar f'wieħed mill-Ħdud. (Dakinhar il-Kappillan kien Patri Feliċjan Bilocca).

Anton Cassar, li Alla jbierku għadu mimli bl-għomor u l-esperjenza, jagħlaq dan l-artiklu billi jgħid li "meta l-Knisja tagħna tant kienet qed tisbieħ, ma nistax ma niftakarx f'Patri Rafel li tant kien iħobb u ħadem għall-Knisja tagħna u f'oħrajn, u li kieku kellhom jidħlu fil-knisja tagħna llum kienu jitgħaxxqu u jifirħu bl-opri li qegħdin isiru". Jien, bħala editur, inżid ngħid li minn dak iż-żmien, bis-saħħa ta' bosta patrijiet, għaqdiet u individwi, sar ħafna u ħafna iktar xogħol mill-isbaħ li j'Alla jgħin sabiex nifhmu iktar il-kobor u l-imħabba ta' Alla magħna.